**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 38/18 AL

AB
VS
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-kontendenti zzewgu fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija tnejn u disghin (1992) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. A";

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom separati *de* jure permezz tas-sentenza ta' din l-Qorti tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015)

(kopja tal-istess sentenza tinsab hawn annessa u mmarkata bhala (Dokument B). Madankollu l-partijiet ilhom jghixu *de facto* separati minn Mejju 2011, kif anke gie ppronunzjat fl-istess sentenza ta' separazzjoni personali kif gej:

> *Il-konvenuta qabdet u arbitrarjament telqet mid-dar matrimonjali u lill-familja taghha wara dsatax –il sena ta' zwieg, f'Mejju, 2011. Il-Qorti m'ghandha l-ebda prova kontarja ghal dak li qed isostni l-attur u tiddikjara wkoll li m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex fic-cirkostanzi taghti kredibilita` shiha lill-verzjoni tal-attur. Il-konvenuta lanqas ma ressqet provi sodisfacjenti li jirrendu l-annundun taghha mid-dar matrimonjali bhala wiehed legali jew ghal xi raguni validu.*

Illi l-arretrati tal-manteniment ghall-ulied kif ordnatha minn din l-Qorti thallsu mir-rikorrenti nhar is-sebgha (7) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) permezz ta' trasferiment bankarju, kif juri d-dokument anness u mmarkat "Dok. C";

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni stante illi l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skont kif tirrikjedi l-Ligi u kwindi mhemm l-ebda impediment ghall-hall taz-zwieg;

Talbet prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni l-intimat jghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet skont l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe "x";
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.
4. Tordna lir-Registratur tar-Registru Pubbliku jaghmel dak kollu necessarju sabiex l-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u jsiru dawk l-annotazzjonijiet necessarji.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2018;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat illi ir-rikorrenti ikkonfermat bil-gurament taghha ir-rikors promotur;

Illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors promotur sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' X;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom separati *de* jure permezz tas-sentenza ta' din l-Qorti tat-3 ta' Dicembru tas-sena 2015 u de facto separati minn Mejju 2011;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' X, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;